## L-aħħar jum tas-sena

F’dan l-aħħar jum tas-sena
Xemx taqli tul dal-jum,
Donnu biex tfakkarna li
t-tajjeb hemm ikun.

Għalhekk ma naqtgħux qalbna
U nħarsu ‘il quddiem,
Għax bi Kristu hawn magħna
F’qalbna se jkollna s-sliem.

Ħallihom jiġu l-imwieġ
Jogħlew kemm jifilħu,
Jekk fil-grazzja inkunu
Xorta se nifirħu.

Għax Alla qatt ma jħalli
Lil uliedu għeżież,
Jagħtihom lilu nnifsu
U jħobbhom mingħajr qjies.

Arah jiddefendihom
U jidħol fl-eħrex nar,
Missierhom hu fis-sewwa
Magħhom billejl w bin-nhar.

U l-verità quddiemu
Tassew kandelabru,
Li tixgħel il-ħin kollu
U tifdi lis-sagru.

O Mulej ġejja sena
Xi grazzja għalina,
Ħa nħalluha tqaddisna
Bi Kristu tqawwina.

Ħa nħennu għalih f’għajrna
Għax din l-akbar tama,
Għax wara din il-ħajja
Dan jgħodd mhux l-irħama.

Dik taf wisq giddieba
Għax tkun għal għajn in-nies,
Min biss iħenn għall-proxxmu
B’qaddis ikun mitqies.

Mur għall-qrara u t-tqarbina
Warrab is-suppervja,

Ħaddan miegħek is-sabar
Tibqax le tinnervja.

Itlob dak ir-Rużarju
Anki l-Kurunella,
U tara kif dik qalbek
Tkunlek ċittadella.

Ta' paċi mingħajr għabex
Li tfejjaq lil kulħadd,
Għax tibda' tifhem w tagħder
Ma tibda' iżżomm għal ħadd.

Nawguralek o oħti
W int ħija, itenna,
Ibda' paġna ġdida llum
Fl-aħħar jum tas-sena.

Patri Mario Attard OFM Cap
31 ta' Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.